**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.**

**ILLUM 25 ta' Jannar 2024**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Vivianna Salamone (K.I 213778M)**

**Seduta Sanita**
**Kawza Numru: 31/22**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Vivianna Salamone nee' Grech, bint Carmelo Grech u Maria Grech nee' Cassar, imwielda Attard nhar it-2 ta' Marzu 1978, residenti gewwa 57, Casa Salamone, Triq l-Adrijatiku, San Gwann, u detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 213778(M) – fil-kapacita' personali u ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kumpanija Dolci Peccati Ltd (C46363)**, akkuzata talli:

*Fl-14 ta' Lulju, 2020 ghall-habta ta' 10.00am u matul il-granet ta' qabel u ta' wara go Dolci Peccati, Tigne Shopping Mall, Level 0, Il-Ponta Ta' Tigne, Sliema*

1. *Impjegajt lil min jipprepara l-ikel fl-istabbiliment Dolci Peccati, Tigne Shopping Mall Level 0, Il-Ponta Ta' Tigne, Sliema minghajr ma kienu registrati mal-Kummissjoni ghas-Sigurta fl-ikel u ma kellhomx dokument ta' registrazzjoni korrenti.*

2. *Zammejt ikel li x'aktarx isostni t-tkabbir ta' mikroorganizmi patogenici jew il-formazzjoni ta' tossini f'temperatura ta' izjed minn $8^{o}C$.*

3. *Beght u kellek fil-pussess tieghek ikel li ma jharisx il-htigijiet tas-Sigurta' fl-ikel billi ma kienx tajjeb ghall-konsum mill-bniedem billi kien hekk kontaminat permezz ta' xi materja estranja jew mod iehor, li ma jkunx ragonevoli li wiehed jistenna li jigi uzat ghall-konsum mill-bniedem f'dak l-istat.*

4. *Uzajt l-istabbiliment tal-ikel Dolce Peccati, Il-Ponta Ta' Tigne, Sliema bhala fond tal-ikel li ma kienx qabel gie rregistrat mal-Kummissjoni ghas-Sigurta fl-ikel.*

**Rat li b'digriet tal-Prim Imħallef Mark Chetcuti tas-26 ta' April 2022 (fol 13) din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif ippreseduta skont l-Artikolu 11(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-Artikolu 520(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali.**

**Rat l-atti kollha tal-każ.**

**Rat il-verbal tat-22 ta' Ġunju 2022 (fol 14) fejn id-difiża ssollevat l-eċċezzjoni li l-prodott in kwistjoni m'huwiex fir-responsabbilita' tal-imputata iżda ta' terzi u cioe' Food Mania Limited, ossia ssollevat l-eċċezzjoni dwar il-*warranty.***

**Rat il-provi mressqa mill-partijiet u x-xhieda tal-imputata.**

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li saru mill-Prosekuzzjoni u mill-Avukat Difensur Dr. Arthur Azzopardi fil-kawza fl-istess ismijiet numru 32/22 deciza wkoll minn din il-Qorti llum stess.**

**Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.**

**IKKUNSIDRAT**

**Mix-xhieda ta' Dennis Grech fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2022** irrizulta li fl-14 ta' Lulju 2020 fl-10am id-Dipartiment tas-Saħħa ghamel spezzjoni fil-fond 'Dolce Peccati', Tigne Point, Level 0, Tas-Sliema b'rabta ma każ ta' *Listeria Monocytogenes*. Waqt l-ispezzjoni nstabu arancini msajjrin ġo display f'room temperature li la kien ikessaħ u lanqas isaħħan u li kienu qegħdin jinbiegħu f'temperaturi ta' 32.2°C (Dok. DG2 – fol 66). Irriżulta li l-ikel isir band'oħra u kien jintbagħat imsajjar filgħodu. Ittieħdu samples minn oġġetti, ikel varjat u erba' kampjuni ta' arancini li rriżultaw pożittivi għall-*E.Coli* u *Listeria* hekk kif jidher mill-lista Dok. DG1 (fol 58 – 65). L-imputata kkoperat mad-Dipartiment u volontarjament aċċettat li l-prodotti jinqerdu u ħallset anke l-ispejjeż relattivi (Dok. DG 4 u 5 – fol 68 sa 69). Waqt l-ispezzjoni rriżulta li ċertu Roberta De Lisi, li kienet fuq il-post waqt l-ispezzjoni ma kienetx koperta b'*food handlers course*. Izda umbghad fil-21 ta' Lulju 2020 ghamlet il-course tal-food handlers u license B kif jirriżulta miċ-ċertifikati esebiti Dok. DG6 (fol 70).

**Fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2022 xehed il-PL Quentin Tanti** in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji (MBR) li kkonferma li dakinhar tal-akkużi id-direttur ta' Dolce Peccati Limited (C46363) kienet l-imputata kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti minnu (Dok. QT1 – fol 17).

**Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2022 xehdet Dr Nicole Fenech** in rappreżentanza tal-Malta Tourism Authority li mid-dokumenti esebiti (Dok. NF1 – fol 82 sa 92) jirriżulta li n-negozju huwa liċenzjat bħala snack bar fuq l-imputata u ilu liċenzjat fuq isimha sa mis-6 ta' Novembru 2018.

**Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2022 xehed Malcolm Micallef** li fl-14 ta' Lulju 2020 l-imputata ma kienetx reġistrata skont il-Food Safety Act 2002 u l-Avviż Legali 180/2021 kif emendat bl-Avviż Legali 136/2007 iżda kienet irreġistrat ruħha sa ħmistax-il jum wara hekk kif jirriżulta mid-Dok. MM1 u MM2 (fol 95 u 96).

**Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2022 xehdet Dr Maria Louise Borg** konsulent tabiba fid-direttorat tal-Health Promotion and Disease Prevention li fis-6 ta' Lullju 2020 daħlu żewġ ilmenti minn persuni li kkonsmaw arancini mill-istabbiliment Dolce Peccati. It-testijiet irriżultaw pożittivi għal *Listeria* li huwa mikrobu li jinqatel meta jissajjar.

**Fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2023 xehed l-ufficjal Prosekutur Malcolm Micallef** li fuq l-istess każ ittieħdu proċeduri kriminali kontra Maurizio Napoletano.

**Fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2023 xehdet l-imputata** li hija akkwista il-mozzarrella mingħand La Maltesa, hija kienet tqattaha u tpoġġiha ġol-arancini. Spjegat li l-arancini jissajjru fil-Cafetteria li tinsab f'Tower Road f'Tas-Sliema l-ewwel jiġu msajra f'temperatura ta' 95°C imbagħad jittieħdu fil-ħanut li għandha Tigne Point, jitħallew jibirdu u jitpoġġew fir-refrigirated counter jiksħu. Il-proċess jieħu madwar siegħa sakemm ma tiksaħ. Wieħed jindunda li leħqet it-temperatuar biex tkun tista tisserva għaliex tibqa' soda meta  tinqabad. Xehdet li huma ghandhom thermometers u jżommu records tat-temperaturi tal-prodotti inkluż meta dawn ikunu ser jintbagħtu band'oħra. Ir-records jinżammu għal perjodu ta' ġimgħa. Il-van li jintbagħtu bih l-arancini huwa refriġirizzaat b'temperature ta' -24°C. Ġew esebiti wkoll l-invoices li juri l-prodotti akkwistati minnha minn La Maltesa (fol 19 sa 52).

**IKKUNSIDRAT**

L-imputata tinsab akkużata talli impjegat lil min jipprepara l-ikel fl-istabbiliment Dolce Peccati, Tigne Shopping Mall, Level 0, Il-Ponta ta' Tigne, Sliema mingħajr ma kienu reġistrati mal-Kummissjoni għas-Sigurta' fl-Ikel u ma kellhomx dokument ta' reġistrazzjoni korrenti. Mix-xhieda tal-uffiċjal Dennis Grech irriżulta li dakinhar tal-ispezzjoni sabu lil ċertu Roberta De Lisi li ma kellhiex Food Handling Certificate lokali lanqas ma kienet irreġistrata mal-Kummissjoni għas-Sigurta' fl-Ikel. Ir-Reg. 3(2) tal-Liġi

Sussidjarja 449.27 jipprovdi li "*Ħadd ma jista' jimpjega lil min jipprepara l-ikel f'xi negozju ta' l-ikel jekk ma jkunx reġistrat mas-Supritendent u jkollu dokument ta' reġistrazzjoni korrenti*". It-terminu wżat huwa "jimpjega". F'dan il-każ ma ġewx prodotti provi li juru li Roberta De Lisi kienet impjegata tal-imputata jew ta' Dolce Peccati Limited. Jirriżulta biss li meta saret l-ispezzjoni Roberta De Lisi kienet preżenti. Għalhekk l-imputata ser tiġi liberata mill-ewwel akkuża.

**It-tieni akkuża**

In kwantu għat-tieni imputazzjoni, l-imputata tinsab akkużata li bi ksur tar-Reg. 3(1) tal-L.S. 449.55 ċjoe li żammet ikel li x'aktarx isostni t-tkabbir ta' mikro-organiżmi patoġeniċi jew il-formazzjoni ta' tossini f'temperatura ta' iżjed minn 8°C. Dennis Grech xehed li meta saret l-ispezzjoni l-arancini kienu ġo display f'room temperature u li kienu qegħdin jinbiegħu f'temperaturi ta' 32.2°C. Mill-provi jirriżulta li l-ikel f'dan il-każ kien imsajjar deep fried f'temperatura ta' 95°C u mhux nej. Skont ir-Reg. 4 tal-Liġi Sussidjarja 449.55 ir-rekwiżit tat-temperatura mhuwiex applikabbli għal dak l-ikel li jkun ġie msajjar jew imsaħħan. Mir-ritratt a fol 66 jirriżulta li l-ikel kien imsajjar u mhuwiex nej. Il-Qorti tqis li tapplika l-eżenzjoni imsemmija fir-Reg. 4 tal-Liġi Sussidjarja 449 u ser tillibera lill-imputata mit-tieni akkuża.

**It-tielet akkuża**

L-imputata tistrieħ fuq l-eżenzjoni legali msemmija fl-Art. 41(1) tal-Kap. 449 li jipprovdi:-

> *41.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5), fi proċedimenti għal offiża kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima jew ta' xi regolamenti maħruġa taħt l-artikolu 10, persuna li tkun akkużata tista' tiddefendi ruħha billi tipprova li tkun ħadet il-prekawzjonijiet kollha raġonevoli u li tkun eżerċitat id-diliġenża kollha xierqa biex tevita li jsir ir-reat minnha jew mill-persuna taħt il-kontroll tagħha.*
>
> *(2) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tas-subarikolu (1), persuna mixlija b'reat kontra l-artikolu 14, jew 17, jew 18 li-*
>
> > *(a) ma tkunx ippreparat l-ikel li dwaru r-reat ikun ġie allegatament magħmul; jew*
> >
> > *(b) ma tkunx importat l-ikel f'Malta,titqies li tkun iddefendiet ruħha skont kif provdut f'dak is-subartikolu jekk tissodisfa l-ħtiġiet tas-subartikolu (3).*

*(3) Persuna titqies li tkun issodisfat il-ħtiġiet ta' dan is-subartikolu jekk tipprova –*

> *(a) li l-għemil tar-reat kien dovut għal xi att jewommissjoni ta' persuna oħra li ma kienitx taħt il-kontroll tagħha, jew fuq dipendenza għalinformazzjoni provduta minn persuna oħra;*
>
> *(b) li tkun għamlet dawk il-verifiki kollha neċessarji fuq l-ikel in kwistjoni li kienu raġonevoli, fiċ-ċirkostanzikollha u li kien raġonevoli fiċ-ċirkostanzi li dik il-persuna tiddependi mill-verifiki magħmulin mill-persuna li tkun ipprovdiet l-ikel lilha;*
>
> *(ċ) li l-bejgħ jew il-bejgħ maħsub, li kien jikkonsisti fir-reat li jkun qed jiġi allegat, ma kienx bejgħ jew bejgħmaħsub, taħt isimha jew il-marka tagħha; u*
>
> *(d) li ma kenitx taf, u ma kellha ebda raġuni tissuspettafil-ħin tal-għemil tar-reat allegat li l-aġir tagħha jew l-ommissjoni tagħha tkun tikkostitwixxi reat kontra d-disposizzjoni rilevanti.*

*(4) Il-persuna mixlija ma tkunx tista', mingħajr il-permess tal-qorti, tuża d-difiża imsemmija fis-subartikolu (3) jekk dik id-difiżatinvolvi l-allegazzjoni li l-għemil tar-reat kien dovut għal xi att jewommissjoni ta' persuna oħra jew dipendenza fuq informazzjoniprovduta minn persuna oħra, sakemm, wara li tinqara l-akkuża fil-qorti u mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara,tippreżenta nota fil-qorti biex tiġi notifikata lill-prosekutur li jkunfiha informazzjoni, li kienet f'dak il-ħin fil-pussess tagħha, litidentifika jew li tgħin fl-identifikazzjoni tal-persuna l-oħra.*

Fir-rigward ta' dan l-artiklu il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fir-rigward tal-istess fatti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurizio Napoletano** deċiża fil-25 ta' Settembru 2023 fejn ingħad:-

> *The cited articles were at the merits of the case **Il-Pulizija vs John Buttigieg et** decided by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature on the 3rd November 2016. In the cited case the Court noted that the offence in Article 14 is not a strict liability offence hence it required the proof of the mens rea:-*
>
> > *Osservazzjoni oħra li din il-Qorti tħossha fi dmir li tagħmel dwar ir-reati imputat lill-akkużati hu li dan ir-reat huwa ta' natura*

*delittwali u mhux xi wiehed ta' strict liability. Issir riferenza għas-sentenza riċentement pronunzjata fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alban Josef Saliba**:-*

*Skont kif mistqarr minn dawn il-Qrati dan ir-reat huwa ta' natura delittwali u mhux kontravvenzjonali. Dawn il-Qrati ma kkunsidrawħx bħala reat ta' strict liability jew technical offence[1]. L-anqas ma huwa ritenut reat kontravvenzjonali fejn skont dak mistqarr mill-Imħallef William Harding fis-sentenza Il-Pulizija vs Mary Simiana tas-6 ta' Marzu 1954 l-element psikiku hu sodisfatt bis-sempliċi volontarjeta', bla ma jeħtieġ l-element doluż: imma hemm bzonn dejjem li l-imputat ikun ried il-fatt.*
*Illi għalhekk dan ir-reat irid ikun kompost kemm minn actus reus kif ukoll minn mens rea[2].*

*F'dan il-każ, sabiex din il-Qorti tkun tista' ssib ħtija fl-imputati il-Prosekuzzjoni kellha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputati naqsu milli jħarsu l-ħtiġijiet tal-ikel billi biegħu, offrew għall-bejgħ jew kellhom fil-pussess tagħhom għall-bejgħ ikel għall-konsum mill-bniedem, li kien hekk ikkontaminat, iżda wkoll dan sar bil-ħsieb u l-intenzjoni. Irid għalhekk jiġi pruvat li **konxjentement u volontarjament** (i) naqsu li jħarsu l-ħtiġijiet tal-ikel; u għamlu dan billi (ii) **offrew** għall-bejgħ jew **kellhom fil-pussess** tagħhom għall-bejgħ (iii) **ikel kkontaminat**.*

*Għall-kuntrarju, l-evidenza wriet li **mhux talli l-imputati kienu inkonsapevoli tal-foreign object li l-provi ċirkostanzjali juru li dan sab ruħu f'pakkett ta' ħaxix provenjenti mill-Olanda**, anzi, mill-atti processwali din il-Qorti ma jifdallha ebda dubbju li min kien effetivament u rejalment responsabbli mill-ġestjoni, l-operat u t-tmexxija tal-Staff Kitchen/Canteen ta' Mater Dei, altru li ssodisfa sal-grad rikjest mill-ligi il-ħtiġiet tas-subartikolu (3) tal-Artiklu 41 tal-Kap.449 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-difiża tad-diliġenza xierqa ġiet pruvata sodisfaċentement u dan mhux biss sal-grad tal-probabli iżda mingħajr dubbju dettat mir-raġuni.*

---

[1] Il-Pulizija vs Noel Grech; Qorti tal-Appell Kriminali, Onor Imhallef Dr J. Galea Debono 24.09.2009: "Din hi dik li tissejjah "a technical offence" u ma hemmx ghalfejn jirrizulta xi movent, intenzjoni specifika jew generika konnessa mal-kaccja per se jew ma xi tentattiv ta' kacca. Is-semplici garr ta' munizzjoni fil-perijodu projbit ikun jammonta ghall-ksur talligi. Il-fatt li l-iskratax ma kienux ta' perikolu ghal hadd, li ma kienux f'cintorin imma filkaxxa taghhom u li ma kienux f' ghata huma konsiderazzjonijiet ghal kollox irrilevanti.

[2] Vide Sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Elton Saliba, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Audrey Demicoli, 16 t'Ottubru, 2015.

*Similarly to the cited case, the mozzarella that is the merit of these proceedings was manufactured and packed in an EU country, which evidence is not being contested by the Prosecution. Once imported, the sealed products were stored by the accused in cold rooms in adequate temperature conditions as confirmed by the Inspectors. Hence the products were necessarily contaminated prior to their importation in Malta as the accused stored the same sealed. From the tendered evidence it did not transpire that the packaging was tampered with and the products were adequately sealed and hence the accused had no reason to believe that the products were contaminated. In this regard the Court thus deems that the Prosecution has failed to prove the intentional element on the part of the accused and therefore the Prosecution has failed to prove its case with respect to the second charge brought against the accused.*

Bl-istess mod f'dan il-każ, il-mozzarella li l-imputata akkwistat kienet manifatturata f'pajjiż ieħor, ma ġietx immanifatturata u lanqas importata minnha. Mis-sentenza ċitata jirriżulta li l-prodotti kienu diġa kontaminati kif irriżulta mit-testijiet li ttieħdu mill-mozzarrella ssiġillata fil-pussess tal-importatur Maurizio Napoletano. Jirriżulta wkoll li din ma kienetx l-ewwel darba li l-imputata akkwistat prodotti mingħand l-istess Maurizio Napoletano jew Food Mania Limited u qatt ma kien hemm okkorrenzi simili. Inoltre ma nstabx ikel ieħor jew inkella makkinarju kkontaminet ħlief dak intiż għall-użu tal-mozzarella. B'hekk l-imputata ser tiġi liberata mit-tielet akkuża.

**Ir-raba' akkuża**

L-imputata tinsab akkużata wkoll talli wżat l-istabbiliment bħala fond tal-ikel li ma kienx irreġistrat mal-Kummissjoni għas-Sigurta' fl-Ikel. Mid-dokumenti esebiti minn Malcolm Micallef jirriżulta li fl-14 ta' Lulju 2020 il-post tal-ikel ma kienx irreġistrat f'isem l-imputata. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-post tal-ikel huwa ġestit minn Dolce Peccati Limited mhux mill-imputata f'isimha personali, tant li anke l-irċevuta għad-distruzzjoni tal-ikel saħansitra nħarġet fuq "*Vivianne Salomone o.b.o Dolce Peccati Ltd*". Sussegwentement il-post tal-ikel ġie reġistrat fil-15 ta' Lulju 2020 fuq Dolce Peccati Limited bil-persuna responsabbli tkun l-imputata fil-vesti ta' direttur tal-kumpanija. B'hekk l-imputata ser tiġi liberata mill-akkuża fil-vesti personali tagħha. In kwantu għall-akkuża fil-vesti ta' rappreżentanta ta' Dolce Peccati Limited, il-Qorti tinnota li ma tressqux provi jekk il-post tal-ikel kienx irreġistrat fuq il-kumpanija Dolce Peccati Limited fid-data tal-akkuza. Dok MM1 (fol 95) jirrigwarda l-imputat fil-vesti personali taghha. Ghalhekk *in dubio pro reo* u fin-nuqqas ta' provi l-imputata ser tiġi liberata wkoll minn din l-akkuża fil-vesti tagħha ta' rappreżentanta ta' Dolce Peccati Ltd.

**KONKLUŻJONI**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti ma sssibx lill-imputat hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha u qeda tillibera lill-istess imputata mill-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha.

**Noel Bartolo**
**Magistrat**

**Caroline Perrett**
**Deputat Registratur**

**25 ta' Jannar 2024**